# Mro. Antonio Micallef -

is-Sinjura Anna Farrugia



Mro. Antonio Micallef li kien surmast tal-Banda Vilhena fis-snin 1906/07 u 1916/17 beda jitgħallem il-mużika ta' seba' snin mal-King's Own (La Stella) il-Belt.

Ftit wara t-tnedija ta' din is-Soċjeta` fl-1874, missier Antonio ġie avviċinat minn Maestro Chev. Giuseppe Borġ, l-ewwel surmast tal-Banda La Stella, biex Antonio jattendi t-tagħlim tal-muzika.

Qabel is-seklu għoxrin, ma kienx hemm minn idoqq it-trombun ħlief għal ftit mużiċisti li kienu mal-baned tas-Servizzi Ingliżi, jew it-tliet Orkestri Filarmoniċi.

Antonio Micallef għalhekk kien għażel bħala strument mużikali t-Trombun Cantabile kif xtaq il-Mro. Chev. Giuseppe Borġ. Dan kien strument għali iżda Antonio mill-ewwel wera xewqtu li jitgħallmu, u missieru għamel minn kollox biex jikkuntentah. Antonio wera entużjażmu kbir għall-mużika u, wara l-iskola, kien iħaffef lura lejn il-każin; għalhekk missieru qatt ma ddispjeċih.

Fl-1888 Antonio beda l-karriera tiegħu jgħallem il-mużika fl-iskola tal-Arti fi Strada Reale (Triq ir-Repubblika) fil-Belt. Ftit snin wara, b'rakkomandazzjoni tal-kumitat ta' La Stella, ġie appuntat Life Tutor . Matul dan iz-zmien, kien jikkomponi mużika għall-baned u ta' sebgħa u għoxrin sena kien maħtur surmast tal-Alleanza, f'Birkirkara.

Fl-aqwa tal-karriera tiegħu Antonio rebaħ numru ta' konkorsi gewwa l-Italja, kif ukoll ħa l-ewwel post f'konkors li sar f'Palermo f'ġieħ Patri Hartman li kien meqjus bħala "missier il-mużika", u ġie ppremjat b'midalja tad-deheb.

Mis-sena 1903, Mro. Antonio, flimkien mal-familja, telaq xtutna lejn Tunes biex jgħallem il-mużika fil- komunita` Maltija. Hawn nieda Orkestra għall-Maltin li semma Banda Duke of Connaught's Own. Waqt li kien f'Tunes,





hu kien bagħat bċejjeċ ta' kompożizzjonijiet tiegħu lill-Banda Vilhena, u baned oħra f'Malta.


[ 5 ta Jannar 1907 ]

Is-Surmast Micallef

Il Cumitat u il Banda *Vilhena* tal Furiana jimmeritahom tasseu tifhir ghal ghazla li gharfu ghazlu b' Surmast tal Banda tahhom fill persuna tal bravu zghazuh Malti, is-sur Tonin Micallef. Dan il bravu Surmast hu imzejjen bill qualitaijet colla li tirrichiedi is-sabieha arti tal musica, u prova kauuia m' hux biss tà f'Malta, imma ucoll fl' Esteru, fein l'isem tighu chien imfahhar u id-decorat b'certificati sbich ta riconoxxenza.

Mela il Banda tal Furiana jisthokkila tasseu tifhir ghaliex fis-sur Micallef gharfet il veru Surmast Malti, capaci chemm jista icun, u chiecu il Baned Maltin jahsbuha ftit bill ghakal, xein ma ghandom il biccia hobs jehduha minn halk hutom biex ituha il barrani.

Wara li Antonio ġie lura minn Tunes fl-1906, il-kumitat ta' La Vilhena xtaq jaħtru Direttur tal-banda, iżda Antonio kien diġa` aċċetta offerta mill-Banda L'Isle Adam. Antonio minn dejjem xtaq jidderieġi din il-banda tassew prestiġjuża ta' La Vilhena li kienet ta' spiss taħdem qrib mal-Banda ta' La Stella, u qabel l-għeluq tas-sena 1906 aċċetta din il-kariga.

Il-kumitat tal-każin La Vilhena ġie mfaħħar għall-għażla tas-surmast Malti, Antonio Micallef, fil-gazzetta 'Malta Tagħna' tal-5 ta' Jannar, 1907.

Ittellgħu programmi sbieħ mill-Banda ta' La Vilhena waqt il-kariga ta' dan is-surmast u gie msemmi fil-gażżetta 'Malta Tagħna' tas-16 ta' Marzu, 1907 għad-direzzjoni tal-programm li ttella' l-Ħadd, 10 ta' Marzu 1907. Tant hu hekk, li l-Banda La Vilhena irċeviet invit biex iddoqq l-stess progamm tas-surmast Antonio Micallef fil-Pjazza San Ġorg, il-Belt.

Fis-sena 1912, Antonio Micallef laħaq surġent u surmast tal-Banda King's Own Malta Regiment ftit wara li rreġistra mas-Servizzi Ingliżi. Ġie onorat b'ċertifikat ta' servizz tajjeb u eżemplari waqt iż-żmien li għamel mal-Ingliżi, kif ukoll ġie ppreżentat b'midalja għal xogħol straordinarju għaliex kien ta aktar milli kien mistenni minnu.

Fil-fatt Antonio kien imħeggeg biex jgħallem il-mużika liż-żgħażagħ sa sentejn wara tmiem il-gwerra. L-għan kien



Soċjeta` Filarmonika Vilhena
14, Triq Sant' Anna
Floriana, FRN 9013
www.vilhenabc.com


[ 16 ta Marzu 1907 ]

IL BANDA "VILHENA"

Uisk imponenti irnexxa nhar il Hatt li ghadda il programm sacru li eseguiet din il Banda, li tasseu jimmeritaha it-tifhir ta coll hatt, ghall bcejjec difficultusi li dakket, bhall ma huma li "Stabat Mater" u ir-"Recordare Domine" tal mejjet Censu Bugeja, li tant huma difficili il "Vilhena" dakkithom daks l' iprem Banda li haun Malta. Iva, id-direzioni tas-Surmast Micallef hia direzioni soda; addattata u vera mill kalb, min ghair ftabir u csuhat ta xein, veru Surmast Malti li hakku li stima min coll hatt. Il Programm ta nhar il Hatt, jaghmel unur lilu u lill bandisti, ghax tasseu indakk tajjeb, u dana stkarruh in-nies colla li chien hemm, sahansitra, li bosta persuni rispettabbli u li jifmu geu il Casin "Vilhena," ghall biex jatu il prosit, u stiednu il Banda, ghall biex taghmel l' istess programm il piazza tal belt. Prosit, u prosit, tasseu.

AMORUS.

bħala surmast mas-servizzi Ingliżi, li iż-żgħażagħ jiffavorixxu l-Ingliżi u mhux il-Muviment li kien irid lil Malta tingħaqad mal-Italja.

L-ewwel gwerra kienet ħalliet il-baned bi ftit mużiċisti u surmastrijiet, iżda s-surmast Antonio Micallef għamel minn kollox biex il-baned madwar Malta jibqgħu attivi.

B'dan il-għan, Antonio kien ħa kariga ta' xi ħames baned matul is-servizz mal-Militar Ingliż, u għalhekk fl-elf disa' mija u sittax reġa' ħa l-kariga ta' surmast mal-Banda La Vilhena. Dan kien sewa wisq ta' piż fuq is-surmast għaliex kien ukoll qed imexxi l-banda tal-KOMR, barra minn baned oħra.

Wara ċertu żmien qasir Antonio ta r-riżenja tiegħu meta l-bandisti ta' La Vilhena ma kinux kuntenti b'dan is-surmast pedantiku u n-nuqqas ta' paċenzja li beda juri taħt dan il-piż. Madankollu, hu kien baqa' midħla ta' dawn il-bandisti u wara l-gwerra, kien ta' spiss iżur il-Każin La Vilhena fi triqtu lejn il-Belt.

Wara l-gwerra, Antonio kien surmast ma' baned oħra madwar Malta, La Vittoria tal-Mellieħa, San Mikiel ta' Żabbar, San Gaetano il-Ħamrun, fost oħrajn, iżda fil-1922, hu kien ġie mistieden imur Lixandra, fl-Eġittu, biex jieħu post is-Surmast Taljan Mro. Enrico Pucciarelli li kien għalliem tal-mużika u surmast tal-banda Maltija, La Valette.





Mis-sena 1923, Antonio kien jgħallem liż-żgħażagħ tal-Mellieħa fil-Każin ta' La Vittoria. Il-Banda La Vittoria kellha aktar mużiċisti milli setgħet tinkludi fil-banda. Fis-sena 1927, Antonio beda jaħseb jorganizza banda u klabb ġdid fil Mellieħa, L-Imperial, għal dawk iż-żgħażagħ li xtaqu jitgħallmu l-mużika u jdoqqu f'banda. Il -Banda Imperial ġiet imnedija minn Mro Antonio Micallef fil-21 ta' Settembru 1930, fejn f'nofs il-programm uffiċjalment tal-baton lil Maestro Vella li kien se jieħu kariga tal-banda meta Antonio jirtira fi ftit xhur.

Antonio Micallef ma qata' qalbu minn xejn li gie għal idejh u għalhekk kellu karriera interessanti u ta' suċċessi sbieħ. Fis-sena 1932, hu kien kuntent li jirtira ta' ħamsa u sittin sena biex jgħallem il-mużika lin-neputijiet tiegħu. Dan lanqas ma kien ta' xejn, għax it-tfal tan-neputijiet tiegħu ħarġu muziċisti tajbin. Il-bijogrfija tiegħu 'The Story of a Musician - Antonio Micallef 1867-1940' se tiġi ppubblikata fis-sena 2019.

*Miktuba 10/11/2018 minn:*
*Anna Farrugia Buz neputija*
*ta' Mro. Antonio Micallef*

**Steve Salon**
Hairstylist

21242687
79538990

**65, Gunlayer str,**
**Floriana**

amatoalan@hotmail.com





Soċjeta` Filarmonika Vilhena
14, Triq Sant' Anna
Floriana, FRN 9013
www.vilhenabc.com